MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**

**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2015

Citazzjoni Numru. 166/2012

**A B**

**f'ismu proprju u bhala kuratur ad litem ta' uliedu minuri L u K ahwa B**

**vs**

**Dr Noel Bartolo u il-PL Noel Scerri bhala kuraturi deputati sabiex jipprezentaw lill-assenti S E B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat, li permezz tieghu l-attur ippremetta:

1. Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-tlettax (13) ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed (2001) (Dok A) u miz-zwieg taghhom kellhom zewgt itfal u cioe' L imwielda fid-dsatax (19) ta' April tas-sena elfejn u tnejn (2002) u K, imwieled fid-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elfejn u erbgha (2004) (Dokumenti B u C hawn annessi);
2. Illi l-hajja mizzewga bejn il-partijiet saret impossibbli minhabba adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci u ingurji gravi kommessi mill-intimat, u/jew minhabba li tkissret irrevokabilment;
3. Illi l-intimata abbandunat lilu u lit-tfal fis-sena elfejn u erbgha meta it-tifel K kien biss tarbija ta xahrejn u minn dak iz-zmien kienet tigi lura meta ifettilha. Fis-sena elfejn u disgha (2009) kienet giet Malta biss ghal xi hmistax-il jum, u minn dak iz-zmien ghal gimgha ohra f'Gunju tas-sena elfejn u hdax (2011);
4. Illi tul dawn is-snin ma baqghetx lanqas tikkomunika mat-tfal regolarment u wisq inqas tibghat ghajnuna finanzjarja ghalihom;
5. Illi ukoll huwa fl-interess tat-tfal, stante l-abbandun tal-omm li l-esponent jkun fdat bil-kura u bil-kustodja taghhom kif ukoll bl-awtorita li jiehu fost il-dawk id-decizjonijiet kollha important ghall-ahjar gid tat-tifel fosthom dawk li jirrigwardaw is-sahha, l-edukazzjoni, safar u amministrazzjoni ta' proprjeta u wirt;
6. Illi id-domicilju tat-tfal hija f'Malta u ghandha tibqa f'Malta filwaqt li f'kaz li l-intimata titlob l-access, dan ghandu isir f'Malta b'dawk il-garanziji kollha li ghandhom jigu ordnati biex jisguraw li t-tfal ma jittiehdux mill-pajjiz u dan stante ic-cirkostanzi tal-kaz specjalment il-fatt li l-intimata iktar tghix barra minn Malta mill-f'Malta u dan minghajr ma taghti ebda informazzjoni dwar fejn toqghod, ma min toqghod u generalment dettalji dwar ic-cirkostanzi tal-hajja taghha;
7. Illi l-esponent ma jafx fejn qed tabita u ghalhekk talab u inghata l-awtorizzazzjoni li jipprocedi f'din l-istanza b'Digriet ta' din il-Qorti hawn anness (Dok D) u Digriet iehor tal-5 ta' Lulju 2012 (Dok E);
8. Illi r-rikonciljazzjoni mhix possibbli u ghalhekk qed issir din il-kawza bl-ispejjez kontra l-konvenuta ghas-separazzjoni personali u ghall-eventwali konversjoni ghad-divorzju;

TALBIET

Talab li l-konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandiex:

1) Tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi B ghar-ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenuta ta' adulterju, abbandun, sevizzi, eccessi, minacci, u ingurji gravi kommessi kontra l-esponent kif fuq premess, u/jew minhabba li z-zwieg tkisser irrevokabilment;
2) Tillibera lill-attur minn kull obbligu li jmantni lill-istess konvenuta;
3) Taffida il-kura u l-kustodja tal-imsemmija wild minuri L u K ahwa B lir-rikorrenti, fl-interessi supremi taghhom, salv l-access favur l-intimata f'kaz li titolbu, liema access ghandu izda, jigi ordnat minn issa li ghandu isir f'Malta u bil-garanziji kollha li ghandhom jinghataw mill-intimata li it-tfal mhumiex ser jinhargu mill-pajjiz;
4) Tawtorizza lir-rikorrenti li jiehu dawk id-decizjonijiet kollha, ordinarji u straordinarji, dwar it-trobbija, sahha u edukazzjoni tat-tfal fl-ahjar interess tat-tfal stante l-assenza tal-intimata minn Malta b'dawk il-modilitajiet li jidrilha xierqa;
5) Tawtorizza lir-rikorrent sabiex wahdu japplika u jottjeni il-hrug ta' passaporti separati ghat-tfal ahwa B minghajr il-htiega li ikollu japplika ghall-awtorizzazzjoni ulterjuri minn din il-Qorti u minghajr il-htiega tal-kunsens tal-intimata u b'dawk il-modalitajiet li jidhrilha xierqa;
6) Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas lir-Rikorrent ghall-imsemmija minuri dik ir-retta alimentarja adegwata lilu dovut skont il-Ligi minn data stabbilita minn din il-Qorti b'dawk il-modalitajiet kollha tal-pagament, inkluz provvediment ghaz-zieda annwali biex taghmel tajjeb ghall-gholi tal-hajja, li ghandhom jigu iffissati minn din il-Qorti;
7) Tillikwida l-ispejjez u nfieq tar-Rikorrent inkorsi minnu minghajr kontribut mill-intimata ghar-rigward tal-imsemmija ulied minuri u tordna lill-intimata thallsu nofs l-ammont hekk likwidat bhala il-kontribut taghha ghal tali spejjez;
8) Tiddikjara xolta il-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-kontendenti li tikkonsisti biss f'assi mobbli u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti wara li jitnaqqsu id-djun u il-krediti parafernali li r-rikorrent jista ikollu jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet illi jigu assenjati lill-partijiet, liema porzjonijiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabbilita data bhala id-data meta l-konvenuta tigi ikkonsidrata li tkun hatja tal-firda, b'tali mod li hi titlef kull jedd ghal kull akkwist maghmul bil-hila tal-esponent skont il-Ligi, u dan okkorrendo b'opera ta' perit nominand sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att

relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

9) Tapplika kontra l-konvenuta interament jew in parti id-disposizzjonijiet ta’ l-Artikoli 48 sa 53 tal-Kodici Civili (Kap. 16 1984 Ed. tal-Ligijiet ta’ Malta);

Bl-ispejjez – kontra l-intimata ingunta minn issa stess in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li in forza taghha eccepew :

1. Illi f’dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rapprezentati u f’dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdilhom kull informazzjoni li jista ghandu dwar kull mezz ta’ komunikazzjoni mal-intimata;
2. Salvi, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti ghandha quddiemha kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet fejn l-attur jikkontendi li z-zwieg tieghu[1] mal-intimata assenti tkisser ghal ragunijiet li huma imputabbli lill-istess intimata, principalment minhabba abbandun u konsegwentement, fost talbiet ohra, qed jitlob ukoll li jigi fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri.

Il-Qorti tirrileva li permezz tan-nota ta' eccezzjonijiet taghhom il-kuraturi deputati appuntati sabiex jirrapprezentaw lill-intimata assenti ddikjaraw li m'humiex edotti mill-kaz u rriservaw li jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri f'kaz li jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

## Il-VERZJONI TAL-ATTUR

Permezz tax-xiehda tieghu[2] l-attur jiddikjara li ilu mizzewweg lill-intimata, mara ta' nazzjonalita' Rumena ghal madwar ghaxar (10) snin. Jghid li martu m'ghadhiex tghix hawn Malta b'dan li ilha li telqet ghal madwar tmien (8) snin. Jiddikjara li gieli giet lura Malta ghal xi zjara qasira izda ilha ma taghmel dan ghall-anqas ghal sentejn. Qabel ma telqet minn Malta, kienet diga' telqet mid-dar u kienet qed tghix ma' haddiehor. Jghid li jghix ma' ommu (li tkun hi li l-aktar li tiehu hsieb lill-ulied), kif dejjem ghamel S fiz-zwieg ghaliex hu u martu qatt ma xtraw proprjeta' flimkien. Ma sar ebda dejn ma' xi bank. Lanqas ghandu karozzi fuq ismu.

## IL-PROVI MIGBURA QUDDIEM DIN IL-QORTI

[1] Ara c-certifikat taz-zwieg esebit a fol 6 tal-process

[2] Datata l-25 ta' Frar 2014 u esebita a fol 33 tal-process

Il-Qorti tirrileva li apparti x-xiehda tal-attur, l-uniku xhud li tressqet hija omm l-attur. F'dan l-istadju l-Qorti taghmel referenza ghax-xiehda ta' Carmen B[3] fejn tikkonferma li hi tiehu hsieb lill-minuri l-aktar ghaliex it-tfal jghixu maghha flimkien mal-attur li hu binha. Tikkonferma li l-intimata ilha li telqet mid-dar sa' minn meta l-minuri z-zghir kellu biss xahrejn. Tiddikjara li ma tafx fejn qieghda l-intimata b'dan li tghid ukoll li qisu madwar kull erba' (4) xhur, l-istess intimata taghmel kuntatt ma' wliedha permezz tat-telefon. Taghlaq billi tghid li minkejja li t-tifal isemmu lil ommhom peress li hi qatt ma tghidilhom kontriha, draw jghixu man-nanna paterna tant li lilha jghajtulha wkoll 'ma' ghaliex kienet hi li dejjem rabbiethom.

**DWAR IT-TALBA SEPARAZZJONI PERSONALI**

Illi dwar l-ewwel talba, il-Qorti fl-ewwel lok taghmel referenza ghal Artikolu 41 tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jsegwi hekk:

"***Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba***".

Permezz tax-xiehda tieghu (hekk kif korraborata bix-xiehda ta' ommu), l-attur jiddikjara li l-intimata ilha li telqet mid-dar matrimonjali ghal snin twal b'dan li hu ma jafx f'liema pajjiz qieghda. Il-Qorti m'ghandha ebda prova kontrarja ghal dak li qed isostni l-attur u tiddikjara wkoll li ma tara ebda raguni ghaliex m'ghandhiex taghti kredibilita' lil tali verzjoni. Tenut kont ta' tali abbandun l-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li t-talba ghas-separazzjoni ta' bejn il-partijiet ghal ragunijiet li huma unikament

[3] Datata l-25 ta' Frar 2014 u esebita a fol 34 tal-process

imputabbli lill-intimata ghandha tigi milqugha.

**DWAR IT-TALBA TAL-KURA U L-KUSTODJA TAL-MINURI**

Il-Qorti tirrileva li frott taz-zwieg bejn il-partijiet twieldu zewgt ulied u cioe' L li twieldet nhar id-19 ta' April 2002[4] u K li twieled nhar id-19 ta' Jannar 2004[5]. Jirrizulta ghalhekk li z-zewgt ulied ghadhom minuri.

Il-Qorti tirrileva li t-talba ta' kura u kustodja ghandha tigi determinata u deciza skond il-principju tal-ahjar interessi tal-minuri. Wara li semghet il-provi kollha migbura fil-mori tal-kawza u wara li rat id-digriet taghha stess tal-4 ta' Ottubru 2014[6] fejn ir-rikorrent gie fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri, l-Qorti hija moralment konvinta li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li r-rikorrent ikun fdat bil-kura u l-kustodja tal-minuri, S in vista tal-fatt li l-minuri ilhom jghixu ma' missierhom u n-nanna paterna ghal snin twal u ghalhekk irid ikun hemm raguni valida sabiex r-rutina tal-minuri ghandha tigi mibdula. Fuq kollox m'hemm ebda prova li turi li r-rikorrent mhux missier idoneju ghall-istess minuri hu, safa' wahdu jrabbi lill-istess ulied wara li martu abbandunat lill-familja. Huwa minnu li l-istess attur ghandu l-ghajnuna ta' ommu biex irabbi lill-ulied izda dan huwa ta' konfort ghall-istess Qorti *stante* li l-istess minuri ghandhom ukoll il-prezenza tan-nanna paterna taghhom li qed tassigura, flimkien ma' binha, li n-neputijiet ma jonqoshom xejn. Jirrizulta wkoll li l-istess omm tilfet  kull interess fi wliedha tant li ccempel biss darba f'erba' (4) xhur. Dan juri n-nuqqas ta' responsabbilita' ta' omm u juri wkoll li m'hemm ebda  forma ta' interess da parti taghha li jkollha relazzjoni stabbli u ta' importanza ma' wliedha. Tenut kont ta' dan kif ukoll tal-fatt li minn mindu l-partijiet isseparaw *de facto* u l-intimata abbandunat il-familja taghha, kien ir-

[4] Ara c-certifikat tat-twelid tieghu esebit a fol 7 tal-process

[5] Ara c-certifikat tat-twelid taghha esebit a fol 8 tal-process

[6] Ara a fol 37 tal-process

rikorrent li ha hsieb lill-minuri, il-Qorti thoss li huwa fl-ahjar interessi tal-minuri li l-kura u l-kustodja tal-istess minuri tigi fdata f'idejn ir-rikorrent.

Il-Qorti taghmilha cara li *stante* li l-intimata ilha ma tara lil uliedha ghal snin twal b'dan li l-kuntatt maghhom huwa wiehed sporadiku, f'kaz li l-istess intimata taghmel xi talba ghal xi forma ta' access, tali access ghandu jigi ezercitat biss favur l-intimata wara li *social worker* imqabbda mill-Agenzija Appogg tirrelata dwar x'effett jista' jkollu tali access fuq l-ulied u f'kaz biss li jirrizulta li tali access mhux ser ikun ta' pregudizzju ghall-istess minuri, allura l-access favur l-intimata ghandu jinghata. Ghal finijiet ta' kjarezza qed jigi dikjarat li tali access ghandu jigi ezercitat f'Malta taht dawk il-kundizzjonijiet li s-*social worker* imsemmija tahseb li jkunu fl-ahjar interessi tal-minuri.

**DWAR IT-TALBA GHALL-MANTENIMENT TAL-ULIED U LIKWIDAZZJONI TA' SPEJJEZ**

Il-Qorti tirrileva li jirrizulta bl-aktar mod car li r-responsabbilita' kollha relatata mal-minuri waqghet fuq ir-rikorrent. F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Portelli Jennifer pro et noe vs. Portelli John**[7]u **Tabone Lea pro et noe vs Tabone Jesmond**[8] fejn saret referenza ghal:

Artikolu 3 tal-Kap 16 li jipprovdi li :-

"***Il-partijiet fiz-zwieg ghandhom l-obbligu, kull wahda minnhom skond il-mezzi u l-hila taghhom, li jahdmu kemm fid-dar kif ukoll***

[7]Deciza nhar il-25 ta' Gunju 2003 mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Gur 2668/1996)

[8] Deciza nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill- **Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Ġur Nru 1396/2001)**

***barra mid-dar kif jinhtiegu l-interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u jikkontribwixxu ghall-htigijiet tal-familja***"

ghal artikolu 3B tal-Kap 16 li jistipula illi:

"***Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied***."

u ghal artikolu 7 (1) ta' l-istess Kap 16 jinghad li:-

"***Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3 B ta' dan il-Kodici."***

Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri ghandhom l-istess obbligi verso l-ulied taghhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija ta' l-istess, aktar u aktar meta llum il-mizzewgin huma f'pozizzjoni ta' ugwaljanza u ghandhom l-istess drittijiet u allura, S skond l-artikolu 2 tal-Kap 16 "***jerfghu r-responsabilitajiet indaqs matul iz-zwieg taghhom***."

Certament li l-obbligi mnizzla miz-zwieg, isofru mutament fil-kors ta' separazzjoni bejn il-partijiet, S fil-kazijiet ta' pendente lite, pero' l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' bazikament l-istess dettat kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 20 ta' l-istess Kap, u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, u fl-interess ta' l-istess minuri.

Illi huwa ovvju li kif ghandha tkun tali kontribuzzjoni minn kull wiehed mill-genituri, tvarja minn kaz ghal kaz, u hafna jiddependi fuq il-mezzi rispettivi u l-bzonnijiet ta' l-istess minuri, pero' xorta jibqghu veljanti u

skjetti l-principji li jirregolaw l-istess dmirijiet u obbligazzjonijiet tal-ġenituri verso l-istess ulied, specjalment għall-manteniment ta' l-istess fit-termini preskritti fl-artikolu 19 (1) u (2) u l-artikolu 20 tal-Kap 16, li għalhekk jinkludu kontribuzzjoni għall-ikel, ilbies, saħħa u abitazzjoni u spejjez meħtieġa għall-istess saħħa u għall-edukazzjoni tagħhom u skond il-bilanc bejn il-bzonn u l-mezzi, kkalkulati ai termini tas-sub-artikoli ta' l-istess artikolu 20. Il-Qorti tirrileva wkoll li l-obbligu għall-manteniment tal-ulied m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-ġenituri izda huwa obbligu assolut.

F'dan l-istadju il-Qorti tagħmel referenza għall-fatt li fil-mori tal-kawza ma tressqu ebda provi dwar l-introjtu tal-intimata. Il-Qorti ma taf xejn dwar il-qagħda finanzjarja tal-istess intimata izda dan m'għandux ixekkel lill-istess Qorti sabiex tillikwida manteniment dovut għall-istess minuri *stante* li tali obbligu huwa wieħed assolut. Tenut kont tal-fatt li ma jirrizulta xejn dwar il-qagħda finanzjarja tal-attur ukoll, il-Qorti tħoss li fic-cirkustanzi, l-manteniment dovut mill-intimata (stante li l-kura u l-kustodja tal-minuri qed tigi fdata b'mod esklussiv lill-attur) għandu jkun dak ta' erba' mitt Euro (€400) fix-xahar, liema manteniment, għandu jinkludi l-ispejjez relattivi mas-saħħa, l-edukazzjoni u attivita' extra kurrikulari waħda. Tali manteniment għandu jibqa' jitħallas *di fermo* sakemm kull wieħed jew waħda mill-minuri jkollu / jkollha tmintax –il sena. Jekk l-istess minuri sussegwentement li jsir / ssir maggorenni jkun / tkun qed jistudja / tistudja fuq bazi *full-time*, allura tali manteniment għandu jibqa' jitħallas mill-intimat sakemm l-istess minuri jieqaf / tieqaf tistudja fuq bazi *full-time* jew jilħaq / tilħaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena, skond liema eventwalita' ssehh l-ewwel.

Kwantu għat-talba relatata mal-likwidazzjoni tal-ispejjez u nfieq tar-rikorrent b'mod assolut, il-Qorti tirrileva li jirrizulta li l-istess attur ilu jgħajjex lill-minuri waħdu għal snin twal. Il-fatt li l-istess intimata ma tagħmilx kuntatt ma' wliedha ma jfissirx li matul dan iz-zmien kollu ma kellhiex l-obbligu li tmantni lil uliedha. *Stante* li r-rikorrent ma jindikax data precisa minn meta l-intimata abbandunat lill-familja u *stante* li mill-gurisprudenza jirrizulta li kwistjonijiet ta' manteniment huma preskritti bi

zmien ta’ hames (5) snin[9] l-Qorti thoss li huwa ekwu u gust li l-intimata tigi ordnata thallas manteniment kwantu ghall-perjodu ta’ hames (5) snin u mhux aktar. Abbazi tal-manteniment li gie likwidat permezz tas-sentenza prezenti, l-Qorti tillikwida l-ammont ta’ erba’ u ghoxrin elf Euro (€24,000) dovut lir-rikorrent ghall-perjodu ta’ hames snin precedent ghall-intavolar ta’ din il-kawza.

**<u>DWAR IT-TALBA GHAX-XOLJIMENT TAL-KOMUNJONI TAL-AKKWISTI</u>**

Il-Qorti tirrileva li mill-provi esebiti ma jirrizulta xejn dwar x’jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-attur jiddikjara li bejniethom il-partijiet qatt ma xtraw xi proprjeta’ u li m’ghandu ebda vettura f’ismu. Fid-dawl ta’ nuqqas ta’ provi dwar l-istess komunjoni tal-akkwisti, l-Qorti naturalment m’hijiex f’posizzjoni li taqsam u tillikwida l-istess komunjoni izda thoss li fic-cirkustanzi, kull parti ghandha zzomm kwalunkwe kont bankarju li ghandha intestat f’isimha b’dan li tali kont ghandu jitqies bhala l-proprjeta’ assoluta ta’ dik il-parti li fuqha huwa intestat tali kont.

**<u>DWAR ID-DEKADENZA TAL-INTIMATA</u>**

L-artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta jghid hekk:

---

[9] Ara l-kawza fl-ismijiet Charmaine Todorovic Miceli et Vs Noel Mizzi et (Rikors Guramentat Nru: 129/10)

(1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -

(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;

(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-Qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.

L-Artikolu 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"Il-firda li ssir minħabba xi waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikolu 40, tista' jkollha l-effetti msemmijin fl-artikolu 48, meta l-Qorti jidhrilha li, taħt iċ-ċirkostanzi tal-każ, għandhom igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, id-disposizzjonijiet ta' dak l-artikolu".

Il-Qorti, tirrileva li jirrizulta car li l-intimata hija hatja ghas-separazzjoni bejn il-partijiet minhabba l-abbandun totali illi hija kkommettiet fuq il-familja taghha u ghalhekk, tara li hemm ir-rekwiziti necessarji sabiex jigi applikat kontra l-istess intimat l-Artikolu 48 tal-Kap. 16.

**DECIDE**

Ghalhekk, ghal dawn il-motivi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet minhabba abbandun da parti tal-intimata;

[2] Tilqa' t-tieni talba u dan S tenut kont li l-Artikolu 48 tal-Kap. 16 jikkontempla tali talba;

[3] Tilqa' it-tielet talba u tordna li l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri L u K tigi fdata b'mod esklussiv lir-rikorrent b'dan li kwantu ghall-access favur l-intimata, dan ghandu jsehh skond kif deskritt aktar 'il fuq;

[4] Tilqa' r-raba' talba;

[5] Tilqa' l-hames talba;

[6] Tilqa' s-sitt talba u tikkundanna lill-intimata thallas is-somma ta' €400 fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri skond kif deskritt aktar 'il fuq;

[7] Tilqa' s-seba' talba u tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrent fl-ammont ta' erba u ghoxrin elf euro (€24,000) b'dan li tornda lill-intimata thallas tali ammont, permezz ta' pagamenti mensili li jkunux anqas minn mitt Euro (€100) fix-xahar;

[8] Tilqa' t-tmien talba b'dan li tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bil-mod kif spjegat fil-paragrafu intitolat 'Dwar it-Talba ghax-Xoljiment tal-Komunjoni tal-Akkwisti' aktar 'il fuq;

[9] Tilqa’ d-disa’ talba limitatament ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimata b’dan li kwalunkwe spejjez relatati mal-kuraturi deputati ghandhom jigu sapportati provizorjament mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------